

# 100 sena ilu – It-traġedja tal-kamra tan-nar

Fl-istorja glorjuża tagħha is-Soċjeta` tagħna għaddiet minn mumenti sbieħ u ta' ferħ, iżda kellha wkoll mumenti ta' niket kbir.

Fil-bidu tas-seklu għoxrin, mal-mitt sena ilu, ġewwa ż-Żejtun kien qed iseħħ qawmien fejn tidħol il-knisja parrokkjali u l-festa. Kien żmien meta l-knisja tagħna kienet qed tiġi ddekorata kif ukoll bdew il-preparazzjonijiet biex isiru l-opri kbar li għadna ngawdu sa llum. Saċerdot li kien minn ta' quddiem f'dan il-qawmien kien **Dun Felic Micallef** li minbarra li kien prokuratur tal-knisja parrokkjali, għamel ukoll xi snin bħala Viċi-President tas-Soċjeta` tagħna. L-istess nistgħu ngħidu għall-festi ta' barra.

Il-festa tagħna qatt ma kienet magħrufa għall-festi ta' barra dak iż-żmien u dan għaliex l-elementi kienu ta' spiss jagħmlu tagħhom f'dak iż-żmien tal-festa. Pero` dan il-qawmien li semmejna qabel ħakem ukoll lil bosta żgħażagħ u dilettanti li riedu jkabbru l-festa permezz tal-logħob tan-nar. Dawn kienu jiltaqgħu ġewwa dar imwarrba f'numru **62 Triq Marsaxlokk**. Din it-triq kienet għal bosta snin it-triq ewlenija li miż-Żejtun tieħu għal Marsaxlokk.

Intant in-numru ta' voluntiera kien jiżdied fi tmiem il-ġimgħa. Kien il-**Ħadd 1 ta' Mejju, 1904, mitt sena ilu** meta bħas-soltu numru mhux ħażin ta' dilettanti inġabru biex ikomplu bix-xogħol tagħhom. Ħafna minnhom hekk kif daqqet il-quddiesa ta' l-10.00 am telqu lejn il-knisja biex jisimgħu il-quddies filwaqt li sitt żgħażagħ baqgħu jaħdmu. Kien għal ħabta ta' **l-10.30 am** meta nstemgħet splużjoni qawwija li regħdet lir-raħal u l-inħawi. Kienet taret il-kamra tan-nar u kull min kien hemm ġew imdarrab serjament. Dawn kienu **Carmelo Mifsud** ta' 19-il sena iben Alessio tar-ruħ, **Mikiel Spiteri** ta' 19-il sena iben Rużarju tal-katutu, **Mabbli Mifsud** ta' 16, iben Anġlu tal-faċċjol, **Anġlu Brincat** ta' 21 sena iben Santo ta' santu, **Carmelo Caruana** ta' 20 sena iben Ġużeppi ta' l-andar u **Vincenzo Mifsud** ta' 18-il sena, iben Karmnu tal-Bonġju. Dawn kienu kollha membri u partitarji tas-Soċjeta` tagħna.



Il-Banda Beland flimkien ma' folla kbira fi Triq San Girgor, jakkumpanjaw lill-vittmi lejn iċ-ċimiterju.

Hekk kif xterdet l-aħbar tat-traġedja ħafna nies flimkien mal-pulizija ġrew għal fuq il-post. Marru wkoll **Dr. Emmanuel Cannataci** li kien id-DMO taż-Żejtun flimkien ma' **Dr. Clo. Borg** li kien id-DMO ta' Ħaż-Żabbar. Mill-ewwel bdiet ħidma intensiva sabiex jinħarġu l-midruba. Dawn ġew meħuda fl-għassa taż-Żejtun sabiex jingħataw l-ewwel għajnuna u l-kura meħtieġa. Ftit wara laħaq wasal ukoll il-**Maġistrat Dr. Gius. Falzon** li mill-ewwel ordna biex il-midruba jittieħdu l-**Isptar Ċentrali**. Jakkumpanjawhom sa l-isptar marru l-kuntistabbli Anġlu Camilleri, Anthony Dalli, G.M. Mifsud, u L. Muscat. Iżda l-isplużjoni tant kienet qawwija li ħamsa mill-midruba sfaw vittmi. Carmelo Mifsud miet fi triqtu lejn l-isptar, Mikiel Spiteri miet eżatt kif wasal l-isptar, filwaqt li Mabbli Mifsud miet l-għada t-Tnejn 2 ta' Mejju. Anġlu Brincat u Vincenzo Mifsud mietu t-Tlieta 3 ta' Mejju. Kienet traġedja li bikkmet lil kulħadd.


Paci u mistrieh etern
Lil imseicnin zghazah
CARMNU MIFSUD
MICHIEL SPITERI
MABBLI MIFSUD
ANGLU BRINCAT
CENSU MIFSUD
Li fid-disgrazia li tuahhax
Li grat iz-Zeitun
Fl' 1 ta Mejiu 1904
Kalb l' ictar horox turmenti
Tilfu il hajia tahhom
Mibchiin min culhadd
*Gesù colloc hniena, alighom il mistrieh ta dejem.*
*(Ind. 7 snin u 7 quar.)*

Santa tifkira tal-ħames vittmi.

Il-funerali tal-vittmi saru ġewwa ż-Żejtun fi ġranet differenti dejjem bil-parteċipazzjoni tal-**Banda Beland**. Il-funerai bdew minn tarf Triq Santa Katarina sal-knisja parrokkjali u wara mill-knisja saċ-ċimiterju ta' San Girgor dejjem akkumpanjati mill-banda. (Ara ritratti). Sadanittant l-uniku żgħażugħ li rnexxielu jeħlisha minn ħalq il-mewt, **Carmelo Caruana**, ġie nterrogat mill-Maġistrat Falzon bħala parti mill-inkjesta. Dan Carmelo Caruana baqa' jiffrekwenta l-każin sa ma miet. Meta xi ħadd kien jipprova jistaqsih dwar din it-traġedja kien jirrifjuta li jitkellem u jgħdi biss "ħalluhom jistrieħu fil-paċi". L-istess Maġistrat ordna biex il-bini li kien hemm perikoluż jiġi mwaqqa, u għadu jidher hekk sa llum, filwaqt li minn fuq il-post tat-traġedja huwa ssekwestra kaxxa mimlija bi trab abjad, pakkett mimli bi trab isfar u pakkett ieħor bi trab iswed. Dawn intbagħtu għand **Dr. Alessandro Sultana** biex jiġu eżaminati fil-laboratorju.


J ENA
ANGLU BRINCAT
M'Z-ZEITUN
META USALT FL'ETA TA 21 SENA
FL'1 TA MEIJU 1904
SIBT RUHI F'SALT UIHED
MIFRUD MILL'GHAZIZA U MAHBUBA
FAMIGLIA TIGHI,
KRABA U HBIEB GHAL ETERNITÀ
DEH ! ICOLCOM HNIENA MINNI
Requiem eternam dona ei Domine—
Et lux perpetua luceat ei.
Kalb SSma. ta Gesù icolloch hniena minni.
(Ind. 300 giurnata.)
Kalb SSma. ta Maria inti tcun is-salvazioni tighi.
(Ind. 300 giurnata.)
TIP. G. CUMBO

Santa tifkira ta' vittma ieħor - Anġlu Brincat

Eku ta' din it-traġedja ġara sentejn wara. Parti mill-ħtija ta' dak li ġara jidher li ntefgħet fuq Dun Feliċ Micallef li kien il-prokuratur u dan tant ħadha bi kbira din it-traġedja, illi fi żmien sentejn marad u miet qasir il-għomor nhar is-**26 ta' Lulju, 1906, fl-eta` ta' 36 sena**. Ix-xjuħ tagħna qaluli illi kemm dam marid fis-sodda kull darba li kienet toħroġ iddoqq il-Banda Beland kienu jgħaddulu l-istendard minn ġot-tieqa għal fuq is-sodda sabiex ibusu. Mro. Carlo Diacono iddedika wieħed mill-marċi funebri tiegħu lil Dun Feliċ filwaqt li Antonio Miruzzi ddedika wkoll marċ funebru tiegħu 'Lill-Vittmi tan-Nar'.


CARMNU MIFSUD
FIL FIUR TA L' ETÀ TIGHU
FL' 1 TA MEJIU 1904
GIE MAHSUD F' DAKKA UAHDA
MIN MEUTA DISGRAZIATA
U MIFRUD
MIN NIESU U HBIEBU
Itolbu o Insara
Li Alla mighu idahhlu
Fil hena tas-Sema
Gesù colloc hniena, atih il mistrieh ta dejem.
(Ind. 7 snin u 7 quar.)

Santa tifkira bir-ritratt ta' Karmnu Mifsud, wieħed mill-vittmi

Filwaqt li s-Soċjeta` Beland qed tonora lil dawn uliedha li mietu f'din it-traġedja tħeġġeġ lill-membri tagħha sabiex jitolbu għal ruħ dawn il-vittmi.

Fl-aħħarnett nissuġġerixxu lill-**Kunsill Lokali** sabiex bħala tifkira tissemma' triq għal dawn il-Vittmi tal-kamra tan-nar.


UNDERNEATH NEEDS
*For all kind of underwear, pygamas, swimwear, etc.*
**for men, women & children**
**14, Mater Boni Consiglii Street, Żejtun (opp. Police Station)**